***Worksheet* Ċ6.1.5**
Nagħmlu differenza bejn komunikazzjoni bejnietna permezz tat-teknoloġija tal-informatika u ~~t-tip ta’~~ komunikazzjoni li għandha bażi iktar personali.

**A: Għall-interess tagħna – Tgħallem id-differenza bejn KOMUNIKAZZJONI VIRTWALI u KOMUNIKAZZJONI REALI.**



*Imn Alla ngħixu fis-Seklu 21, għax bis-saħħa tat-teknoloġija nistgħu nikkomunikaw bejnietna anki mill-bogħod. Aħna kapaċi nużaw l-iSkype, niċċettjaw fuq l-Internet, niftiehmu billi nibagħtu l-SMSs jew nużaw it-telefon.*

Din tissejjaħ **KOMUNIKAZZJONI VIRTWALI**. U aħna kburin biha!



*Aħna aktar inħobbu niltaqgħu u ngħidu kelma bejn il-ħbieb. Daqqa mmorru passiġġata, daqqa noħorġu bir-rota u ġieli nilagħbu xi logħba futbol. Meta jkun il-maltemp, noqogħdu ġewwa nilagħbu ċ-ċess.*

Din tissejjaħ **KOMUNIKAZZJONI REALI**. U aħna kburin li f’din id-dinja teknoloġika, xorta jirnexxielna nżommu kuntatt personali bejnietna~~.~~!

Ninnutaw li fil-komunikazzjoni virtwali, meta l-persuni jikkomunikaw bejniethom, ma jkunux fil-preżenza ta’ xulxin. Fil-komunikazzjoni reali, il-persuni jkunu wiċċ imb’wiċċ, għalhekk il-komunikazzjoni hija iktar personali.

**B: Aqra x'inhuma jgħidu dawn, imbagħad agħti l-ideat tiegħek.**

(1)



*Jisimni Ġużi u jien tifel li nistħi ħafna. Meta jkolli bżonn ngħid xi ħaġa lill-ħabib tiegħi, sirt nippreferi nibgħat email jew SMS; anki fuq it-telefon, ma nħossnix komdu nitkellem ma' sħabi.*

Agħti parir ta' ħabib lil Ġużi.

(2)

*Jiena n-nannu Wiġi. In-neputijiet xebgħu jgħiduli, li fid-dinja tal-lum, ma tistax tibqa' mingħajr kompjuter. Ħija Toni ilu joqgħod l-Awstralja 40 sena. Meta n-neputijiet iqabbduni miegħu biex inkellmu permezz tal-iSkype, tgħidx kif nibqa' skantat. Bilkemm inkun irid nemmen li qiegħed nitkellem ma' ħija. Imn Alla jkunu n-neputijiet!*



Agħti parir lin-Nannu Wiġi.

(3)

*Jisimni Ramona u għandi 10 snin. Naf li mhux suppost ikolli account fuq Facebook imma gdibtilhom u għedtilhom li għandi 13-il sena u tal-Facebook tawni account. Jiena kulma nixtieq huwa li nkun naf x'inhu jiġri madwari u bil-Facebook tkun taf kollox fuq kulħadd.*



X'taħseb fuq Ramona?

(4)

*Jisimni Marija, u qiegħda fis-Sitt Sena tal-Primarja. Dan l-aħħar kelli xi ngħid mal-ħabiba tal-qalb tiegħi u tgħidx kemm ħadtha bi kbira. Sirt niddejjaq noħroġ. Qed nintefa' fuq il-kompjuter u ma niċċaqlaqx minn hemm.*



Agħti parir lil Marija.

**Ċ:  Liema tip ta' komunikazzjoni qed turi kull stampa?  Ikteb VIRTWALI jew REALI.**



















